MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Numru 296/2009

PULIZIJA
SPETTUR THERESA SCIBERRAS
VS
*Ommissis A*
*Ommissis B*
*Ommissis C*
*Ommissis D*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati *Ommissis A* ta' *ommissis*-il sena mwieled fil-*ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*. *Ommissis B* ta' *ommissis*-il sena mwieled fil-*ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*. *Ommissis C* ta' *ommissis*-il sena mwieled *ommissis* residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru *ommissis*. *Ommissis D* ta' *ommissis*-il sena imwieled *ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*.

Billi huma akkuzati talli f’dawn il-gzejjer bejn ix-xahar ta’ Awissu 2007 u Settembru 2007 f’xi hin gibdu jew ippermettew li jingibdu xi ritratti, film, video, recording jew xbieha elettronika indecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’ jew qassmu jew urew ritratti, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn jew kellhom fil-pussess taghhom ritratti, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi gabu ruhhom b’mod li taw fastidju lil *Ommissis E* jew gabu ruhhom b’mod li messhom kienu jafu li dan ikun ta’ fastidju lil *Ommissis E*.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputati sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti ghal separazzjoni tal-gudizzju fil-kaz ta’ *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*;

Rat il-Verbal ta’ l-20 ta’ Frar 2009 fejn l-Ufficjal Prosekutur irtirat it-tieni (2) akkuza fil-konfront ta’ l-imputat *Ommissis C* u l-imputat *Ommissis D*;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati: *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati, *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*, hatja skond l-

akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 37 u 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputati taht Ordni ta’ Probation ghal perijodi ta’ sena fil-konfront ta’ l-imputat *Ommissis A*, ghal perijodu ta’ sena fil-konfront ta’ *Ommissis B* u ghal perijodu ta’ tlett (3) xhur fil-konfront ta’ *Ommissis C* u dana taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat li ghandhom jirrapurtaw lil Qorti fuq il-progress o meno ta’ l-imputati kull sitt (6) xhur.

Din il-Piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ giovanili ta’ l-imputati illi fil-bicca l-kbira taghhom huma taht l-eta’, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fedina penali nadifa taghhom u l-fatt illi c-cirkostanzi tal-kaz juru *“a borderline case of horseplay”* li xi uhud miz-zghazagh tal-lum tant jiddilettaw bih.

Il-Qorti tordna l-prosekwiment tal-kawza fil-konfront ta’ l-imputat *Ommissis D*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------